MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 590/2007

**Walter u Maria Concetta konjugi Borg**

**vs**

**Carmelo Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-atturi li talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126), u cioe' illum ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u disghin Euro u hamsin centezmu (€293.50), rapprezentanti sehmu minn spejjez inkorsi mill-atturi sabiex giet irrangata is-sistema ta' katusi komuni tal-blokk ta' bini 60/61, Triq il-Miratur, Floriana, bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex ix-xogholijiet li saru, u li dwarhom qieghed jintalab il-hlas, huma

xogholijiet li saru fil-katusi li jolqtu biss lill-attur u sidien ohra. Ma saru l-ebda xogholijiet fil-partijiet komuni mal-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Ra x-xhieda ta’ Maria Concetta Borg, li tispjega li kien hemm kwistjoni l-Qorti minn terz kontrihom u l-konvenut, u dan peress li kien hemm katusi li kienu joqtru go bitha li kienet komun bejn tlieta (3). Kien fuq il-parir tal-Perit Tekniku li dawn il-katusi kellhom jinbidlu, kif ukoll il-konvenut kellu jnehhi saqaf illegali li kellu.

Ix-xogholijiet kienu saru, u huma kienu dejjem accettaw li jaghmlu dan ix-xoghol, izda l-konvenut ma riedx jikkopera. Kienu ghalhekk ghamlu Appell ghaliex ma kienux disposti li jhallsu l-penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ Euro u sitta u sittin centezmi (€4.66), kuljum u dan peress li dejjem kienu lesti li jaghmlu dan ix-xoghol.

Biex saru x-xogholijiet ukoll, il-konvenut ma hallihomx jidhlu fil-proprjeta’ tieghu u ghalhekk ix-xoghol kellu jitnizzel minn gol-proprjeta’ taghhom u ghalhekk kellhom ihallsu zejjed. Sehemhu minn dawn l-ispejjes kien jammonta ghal mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126), u cioe’ ekwivalenti ghal  mitejn u tlieta u disghin Euro u hamsin centezmu (€293.50), u sallum dawn ghadhom ma thallsux.

L-attrici tkompli tghid ukoll li kkonkludiet illi l-katusi li fuqhom saru x-xogholijiet kienu tal-komun, peress li kien ikkonkluda hekk il-Perit Valerio Schembri u peress li kien qal li x-xogholijiet iridu jsiru bejn it-tlett (3) sidien.

Issopponiet ukoll, peress li kien hemm tappiera fil-proprjeta’ taghhom u l-konvenut ried jutilizzaha.

Kien biss wara li nghata s-sentenza li l-konvenut kien nehha s-saqaf u kienu saru x-xogholijiet fil-katusi.

Ra x-xhieda ta’ Walter Borg, li kkonferma dak kollu li kienet xehdet martu u zied ighid li l-konvenut kellu katusa

mill-bejt li tferra' 'l isfel ghal gol-bir tieghu u mbaghad kellu ukoll katusi minn naha ta' isfel.

Jikkonferma ukoll li l-Qorti kienet ordnat li kellhom jinbidlu l-katusi, anke dawk ta' l-ilma.

Ra x-xhieda tal-konvenut u jghid li kien ghamel tiswijiet fil-katusi u kien kahhalhom billi kienu maqsumin. Ighid ukoll li fejn kienu jinstabu dawn il-katusi, fil-bitha, kien tieghu.
Izda mbaghad il-katusi, mertu ta' din il-kawza, ma kienux tieghu u lanqas ma kien jaghmel uzu minnhom u dan meta hija katusa tad-drenagg, tibqa' niezla bid-dritt ghandu u mbaghad tibqa' hierga 'l barra.

Ighid li hemm fergha li tibqa' ghaddejja fil-pajpijiet principali u jaghmlu uzu minnha l-atturi.

Jispjega ukoll illi s-sistema tad-drenagg tat-*toilet* tieghu kienet tinstab taht l-art. Ma kienx hemm sistema tad-drenagg in komun, imma l-katusa kienet tispicca bi tlett medda li jinfiltraw u jaghmlu uzu minnha it-tlett (3) partijiet.

Meta ghamel ix-xogholijiet sabiex jinbiddlu l-katusi, hu kien hadem fuq il-katusi vertikali.

Jinsisti li l-medda ta' katusi li jghaddu taht l-art kienu jappartjenu lilu. Ighid ukoll illi m'opponiex ghal xogholijiet fuq il-katusa vertikali ghaliex ma ridhomx ighaddu minn gol-proprjeta' tieghu, kif ukoll setghu jigu installati mill-parti ta' fuq.

Jikkonferma ukoll illi l-ispejjes ghas-servizzi tad-drenagg kien jigi maqsum bejnu, bejn l-atturi kif ukoll minn certu Attard. Parti mill-katusi li nbiddlu, u kienu jinstabu fis-sistema li tinzel ghal dan is-sufun, pero' l-hsara saret mis-sufun 'l barra. Meta s-sufun instadd minn naha ta' barra, kien kontribwixxa ghall-ispejjez li kien hemm.

Ra x-xhieda tal-Perit Valerio Schembri, li jispjega li kien gie mqabbad mill-Qorti tal-Magistrati sabiex jivverifika l-hsarat li kien hemm fil-post in kwistjoni u biex jissorvelja x-xogholijiet li jkunu qed isiru.

Kien ordna li jinbiddlu l-katusi u jghid li dawn il-katusi kien jaqbdu ghal mal-fond t'isfel, pero' l-katusi li kienu nbiddlu kienu tal-proprjetajiet sovrastanti u l-fond t'isfel ma kienx jinqeda b'din il-katusa.

Jikkonferma ukoll illi l-hsarat kienu mill-wicc tal-bitha 'l fuq. Ighid ukoll illi l-katusi kienu jferrghu s-sistema td-drenagg tal-proprjetajiet sovrastanti u minn hawn kienu gejjin il-*leakages*.

Jispjega ukoll illi l-medda tal-katusi tibda minn fuq u tibqa' niezla u mbaghad tispicca fit-triq.

Ra r-rapport tekniku tal-Perit AIC Valerio Schembri.

Ra l-atti u d-dokumenti kolha esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-konvenut qed jinsisti li m'ghandux jikkontribwixxi ghall-ispejjes li ghamlu l-atturi meta biddlu l-katusi u dan ghaliex ma kellux x'jaqsam maghhom, ghaliex ma kienux katusi li kien jaghmel uzu minnhom.

Hemm verzjonijiet konfliggenti ghaliex l-atturi jinsistu li l-katusi li nbiddlu kienu tas-sistema tad-drenagg komun, filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-medda li nbiddlet kienet dik vertikali li kienet tferra' ghal katusi li kien hemm fil-bitha tieghu, kienu jkomplu jghaddu taht il-proprjeta' tieghu u jibqghu hergin ghal got-triq.

Mill-provi gie stabbilit illi fil-proprjeta' tal-konvenut kien hemm saqaf maghmul minn *corregated iron* u skond il-Perit Tekniku AIC Valerio Schembri, li kien gie nominat mill-Qorti Kriminali sabiex jinvestiga skular ta' drenagg, il-katusi kienu ighaddu minn taht is-saqaf u mbaghad kienu jibqghu hergin ghal got-triq.

Il-Perit Valerio Schembri, bix-xhieda tieghu jaghmel diversi kjarifikazzjonijiet u ighid li ***"…skond ir-rapport konna imbaghad ordnajna li jinbiddlu l-katusi kollha u***

***fil-fatt hekk kien gara sal-fond t'isfel. Il-katusi li nbiddlu kienu tal-proprjetajiet sovrastanti. Nghid li naqbel illi l-fond t'isfel ma kienx jinqeda minn din l-katusa."*** Ikkonferma ukoll illi l-katusi, mertu tal-kawza odjerna, kienu jferraw mill-proprjetajiet ta' fuq u ma kienux tal-konvenut.

Irrizulta ukoll li l-katusi kienu komuni ghaliex kienu jibdew minn fuq u mbaghad kienu jibqghu niezlin u kienu jibqghu ghaddejjin ghal got-triq. Madanakollu ma setax jikkonferma jekk il-medda kienitx wahda komuni ghall-konvenut ukoll, izda l-iskular tad-drenagg kien zgur gej mill-proprjetajiet sovrastanti. Ukoll il-problema kienet gejja minn fejn kien jinstab is-saqaf ghal fuq.

Mill-provi migbura, it-Tribunal jifhem li kien hemm sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali sabiex is-sidien tal-blokk ta' appartamenti l-Floriana, u cioe' kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut, kellhom jaghmlu tibdiliet fil-katusi minhabba l-iskular tad-drenagg, izda hawn qedghin fil-kamp civili u dan it-Tribunal ghandu jistabilixxi jekk dawn il-katusi kienux in komun mal-konvenut ukoll u ghalhekk jekk per konsegwenza kienx obbligat ihallas ghall-ispejjes inkorsi mill-atturi sabiex tinbidel din il-medda.

Mill-provi migbura, it-Tribunal ihoss li dawn il-katusi, li kienu qed jikkagunaw problema u kellhom jinbidlu, kienu tal-proprjetajiet sovrastanti u kienu jinzlu 'l isfel sa' fejn kien hemm is-saqaf, li sussegwentement kellu jnehhi l-konvenut, u skond kif iccertifika u kkonferma fix-xhieda tieghu l-Perit Valerio Schembri, il-medda tibqa' nizla u tispicca ghal got-triq.

Il-punt kardinali li huwa kkonfermat mill-Perit Schembri huwa li l-fond tal-konvenut ma kienx jinqeda minn din il-katusa vertikali li nbidlet u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------